MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 401/2008/1

**London Services Ltd (C 3951)**

**vs**

**Mary Doris sive Doris Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar, 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn gie deciz:

*"Il-Qorti;*

*Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Dicembru 2008 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef hames mija u sitta u*

*hamsin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€5,556.21), rapprezentanti somma dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' vettura Peugoet 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBK 258 kif ukoll kontravenzzjonijiet u spejjez ohra ancillari ghall-gbir tal-ammont dovut, jew somma verjuri.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid ippresentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.*

*Rat illi r-risposta ta' Mary Doris sive Doris Baldacchino fejn eccepiet:-*

*1. Illi preliminarjament, dwar almenu parti tal-pretensjoni attrici, it-talba hija irritwali stante illi diga jezisti gudikat ghal dak li jirrigwarda l-istess pretensjoni, stante illi s-socjeta attrici kienet ipprocediet b'success kontra il-konvenuta permezz ta' Ittra Ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi preliminarjament, dwar il-pretenzjoni rigwardanti l-kontravenzzjonijiet u spejjez, dawna huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Illi dwar il-pretenzjoni ghall 'spejjez ohra ancillari', it-talba hija nulla stante illi m'hemmx spjegazzjoni fir-rikors dwar x'tip ta' spejjez qed jintalbu u minhabba f'dan qieghed jigi riservat id-dritt li jigu ppresentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz wara li jigi spjegat x'tip ta' spejjez qed jigu pretizi.*

*4. Illi, minghajr pregudizzju u fil-meritu, dwar il-pretenzjoni ghal kontravenzjonijiet, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi tali kontravenzjonijiet inghataw tort unikament tas-socjeta attrici minhabba illi din naqqset illi taffettwa t-transfer tal-vettura in kwistjoni u dan nonostante, naqset illi tassigura illi l-licenzja tal-vettura in kwistjoni tkun in regola.*

*Rat in nota ta' riduzzjoni ippresentata fit 18 ta' Frar 2009 illi biha t-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta' €4,146.35.*

***Provi***

*Rat ix-xhieda ta'* ***Andre Aquilina*** *moghtija fit 12 ta' Mejju 2010, direttur tal-finanzi tas-socjeta rikorrenti, fejn qal illi s-socjeta rikorrenti kienet bieghet il-vettura Peugeot 306, numru ta' registrazzjoni BBK 258 lill intimata Doris Baldacchino. Il-vettura kienet inbieghet ghal prezz ta' Lm3,500, li minnhom is-somma ta' Lm1,500 thallset mal-konsenja tal vettura filwaqt illi il-bilanc ta' Lm2,000 kellhom jithallsu permezz ta' zewgt pagamenti ta' Lm1,000 kull wiehed. Kambjala minnhom thallset filwaqt illi l-pagament ghal-kambjala l'ohra ta' Lm1,000 ma giex onorat mill-Bank. Eventwalment, l-intimata ghaddiet pagament fi flus kontanti ta' Lm500 izda ma hallsietx il-bilanc ta' Lm500. Dwar il-ftehim milhuq mal-intimata, x-xhud qal li dana kien wiehed verbali u kien gie miftiehem illi l-log book jibqa jindika lis-socjeta rikorrenti bhala sid sakemm isiru il-pagamenti kollha u, mal hlas ta' l-ahhar pagament, il-karozza kellha tinqaleb ghal fuqha.*

*Aquilina stqarr illi l-bilanc ta' Lm500 li kien ghad fadal dovut kien attwalment hallsithom izda kien fadal li jithallsu il-valur tal-kontravenzzjonijiet mahruga fuq il-vettura waqt illi dina kienet fil-pussess tal-intimata, liema kontravenzjonjiet, l-istess Aquilina stqarr illi kienu ghadhom ma thallsux izda kienu ghadhom jghajtu lis-socjeta rikorrenti.*

*Dwar il-hlas tal-pagamenti pendenti, Aquilina jghid illi l-kollega tieghu, Bernice Deguara, kienet tikkomunika mal-intimata dwar kif ser isiru il hlasijiet u l-intimata kienet tghidliha illi kienet disposta li taghmel il-pagamenti tant illi, bejn Jannar u Ottubru 2008, l-intimata talbet rendikont tal-ammonti dovuti.*

*In kontro ezami, Aquilina stqarr illi hafna mic-citazzjonijiet kienu jirrigwardaw nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tal-vetttura u zied jghid illi tali licenzja ma ggedietx ghax il vettura kienet inbieghet mill-intimata.*

*Aquilina, finalment, ippresenta rendikont tac-citazzjonjiet kollha illi gew mahruga fil konfront tal-vettura BBK 258 bejn is 27 ta' Novembru 2005 u is-16 ta' Jannar 2008, liema rendikont jindika li l-ammont komplessiv tal-kontravenzjonijiet jammonta ghall €4,099.79.*

*Rat ukoll ix-xhieda ta'* ***Bernice Deguara*** *illi nghatat fl-istess seduta tat 12 ta' Mejju 2010 fejn din stqarret illi hija, bhala accounts clerk mas-socjeta rikorrenti, kienet iccempel lill intimata sabiex tinfurmaha dwar il-kontranzjonijiet illi kienu qed jircievu in konnessjoni tal-karozza li kienet qed tinstaq mill-intimata. Deguara stqarret ukoll illi, bejn Jannar u Frar 2008 kif ukoll f'Ottubru 2008, l-intimata kienet cemplitilha dwar il-hlasijiet dovuti u darba minnhom, sahansitra marret l-ufficju ta' deguara sabiex tigbor kopji tat-tickets.*

*Rat il-kopji tas-sentenzi kollha moghtija mit-Tribunali Lokali ppresentati mis-socjeta rikorrenti premezz ta' nota fil 25 ta' Ottubru 2010.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Doris Baldacchino*** *moghtija fis 27 ta' Ottubru 2010 u il-kontro ezami taghha illi sar fil 21 ta' Ottubru 2011, fejn dina stqarret illi hija kienet zammet lura il-pagament ta' Lm500 peress illi s-socjeta rikorrenti kienet naqqset milli taghmel it-transfer tal-vettura f'isimha, u dana minhabba fic-citazzjonijiet li kien hemm fuq il-vettura u li kellhom jithallsu qabel ma ssir it-transfer. Hija stqarret ukoll li kienet disposta illi thallas ghac-citazzjonijiet kollha, peress illi ic-citazzjonjiet kollha inhargu meta il-karozza kienet fil-pussess taghha, hlief dawk li jirrigwardaw in-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja, u dana peress illi hija baqghet tishaq li dawna kellhom jithallsu mis-socjeta rikorrenti.*

***<u>Ikkunsidrat</u>***

*Illi mill-fatti kollha tal-kaz, jidher car lill Qorti dak li attwalment sehh, u dana fis-sens illi s-socjeta rikorrenti, kif kellha kull dritt illi taghmel, peress illi kienet bieghet il-vettura bil-procedura tal-'hire purchase', kienet zammet il-vettura f'isimha sakemm isiru il-pagamenti kollha. Minn naha l-ohra, l-intimata ma kienetx ghamlet il-pagamenti kollha miftiehma, peress illi meta sar il-pagament tat-tieni kambjala, dina ma gietx onorata. Eventwalment, meta marret biex taghmel il-pagament u titlob it-transfer tal-licenzja tal-vettura ghal isimha, irrizulta illi l-vettura kellha diversi citazzjonijiet mahruga u decizi u li allura kellhom jithallsu qabel ma jigi registrat it-transfer tal-vettura mis-socjeta rikorrenti ghal fuq l-intimata.*

*Jidher illi min hemm, inqalghu differenzi bejn il-partijiet u, l-intimata ghaddiet pagament ta' Lm500 filwaqt illi zammet lura s-somma ta' Lm500 in vsita tal fatt illi ma ridux jaghmlu it-transfer.*

*Jidher car ukoll lill Qorti li, minkejja li l-vettura ma kellhiex il-licenzja taghha rinnovata, l-intimata baqghet taghmel uzu mil-vettura u regolarment tinkorri citazzjonijiet varji li ammontaw, bejn il-periodu 27 ta' Novembru 2005 u is-16 ta' Jannar 2008, komplessivament ghall €4,099.79.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-intimata, minkejja li kienet taf illi kellha problema dwar il-licenzja tal-vettura u minkejja li kienet taf illi l-vettura kienet ghadha ma gietx trasferita fuq isimha, xorta wahda baqghet taghmel uzu regolari tal-vettura BBK 258 u ghalhekk kompliet aggravat is-sitwazzjoni tac-citazzjonjiet dovuti fuq il-vettura, liema sitwazzjoni certament ma kienetx tkun daqstant gravi kieku hija waqqfet milli taghmel uzu tal-vettura sakemm il-kwistjoni tigi rizolta.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi kieku l-intimata ghamlet mezz sabiex tevita li tkompli taqla citazzjonijiet ohra, it-tezi taghha illi zzomm il-hlas sakemm isir it-transfer, setghet kienet tkun wahda plawsibbli – madanakollu, bil fatt li l-intimata baqghet taghmel uzu mill-vettura jew halliet lill terzi jaghmlu uzu tal-vettura, hija aggravat is-sitwazzjoni b'mod illi l-Qorti ma tistax taccetta bhala argument li c-citazzjonijiet tal-licenzja mhux rinnovata ghandhom jithallsu mis-socjeta rikorrenti, u dana peress illi, kieku il-vettura ma kienetx in cirkolazzjoni meta ma kellhiex licenzja rinnovata, dawk ic-citazzjonijiet ma kienux jigu inkorsi.*

*Il-Qorti, minn naha l-ohra, tinnota illi, ghalkemm r-rikors promotur talab ghall hlas ta' hamest elef hames mija u sitta u hamsin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€5,556.21), tali ammont gie ridott ghall erbat elef, mija u sitta u erbghin Ewro, u hamsa u tletin centezmu (€4,146.35). Madanakollu, is-socjeta rikorrenti ipproduciet prospett tac-citazzjonijiet mahruga u decizi fil konfront tal-vettura BBK 258 fil valur totali ta' erbat elef u disa u disghin Euro, u disa u sebghin centezmu (€4,099.79).*

*Il-Qorti ghalhekk tara illi l-ammont ippruvat li attwalment s-socjeta rikorrenti giet ordnata thallas permezz ta' sentenza tat-Tribunal Lokali kien fl-ammont ta' erbat elef u disa u disghin Euro, u disa u sebghin centezmu (€4,099.79).*

*Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimata, l-Qorti tirrileva li, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni, l-intimata lanqas biss ippresentat kopja tal-Ittra Ufficjali 361/07 sabiex il-Qorti tkun taf x'kien jikkontjeni it-talba ta' dina l-Ittra Ufficjali u jekk tali talba kienet tinkludi ukoll hlasijiet dovuti u rikjesti permezz tal-procedura quddiem din il-Qorti. Ghalhekk, il-Qorti ma hijiex f'pusizzjoni illi tiddetermina jekk dak allegat mill-intimata huwiex minnu jew le, peress illi l-intimata ma ressqet ebda prova.*

*Dwar it-tieni eccezzjoni, il-Qorti tirrileva illi dak kollu reklamant mis-socjeta rikorrenti huwa dovut abbazi ta' sentenza tat-Tribunal Lokali, liema sentenza ghandha titqies bhala sentenza ezekuttiva u ghalhekk il-preskrizzjoni indikata mill-intimata ma japplikax.*

*Finalment, dwar it-tielet u raba eccezzjoni, dawna gia gew kkonsidrati mill-Qorti aktar il-fuq fis-sentenza taghha, u dana fis-sens illi l-vettura kienet fil-pussess tal-intimata meta gew inkorsi ic-citazzjonijiet meritu tal-kawza odjerna u, kieku l-intimata ghamlet mezz biex il-vettura ma tkunx in cirkolazzjoni, kieku tali citazzjonijiet ma kienux ikun dovuti, u allura it-transfer kien ikun jista jsir minghajr il htiega li jithallsu 49 citazzjoni mahruga peress illi l-Licenzja ma kienetx imwahhla mal-windscreen tal vettura BBK258.*

***<u>Konkluzjoni</u>***

***Il-Qorti ghalhekk qieghda, filwaqt illi tichad l-erbgha eccezzjonijiet imressqa mill-intimata, tilqa' t-talba rikorrenti w tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' erbat elef u disa u disghin Euro, u disa u sebghin centezmu (€4,099.79).***

***Is-socjeta rikorrenti ghandha tbati l-ispejjez taghha filwaqt illi l-intimata ghandha tbati l-ispejjez taghha. L-imghaxijiet fuq l-ammont dovut jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza".***

Illi min din is-sentenza l-intimata Mary Doris sive Doris Baldacchino ħassitha aggravata fit-termini ta'l-aggravvji li jikkoncernaw :

1. Ir-rigett ta'l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ai termini ta'l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 mill-Ewwel Qorti u dana ghaliex sar apprezzament ħażin tad-dritt. Hija tgħid li s-sentenzi li jeżistu huma sentenzi bejn l-awtoritajiet u s-soċjeta rikorrenti u għalhekk distinti mill-pretensjonijiet tas-soċjeta rikorrenti fil-konfront tagħha.

2. Illi fit-**tieni** aggravju tagħha l-appellanti tilmenta illi ma nġibietx l-aħjar prova illi kien hemm iċ-ċitazzjonijiet pendenti u illi l-Ewwel Qorti straħet biss fuq dikjarazzjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti.

3. Illi l-appellanti tilmenta ukoll mill-fatt illi kienet is-soċjetà rikorrenti illi kienet qiegħda tirrifjuta illi taffettwa t-trasferiment tal-vettura għal fuq isimha. Inoltre fil-ftehim milhuq bejniethom hija ma gietx prekluza milli tuża il-vettura u għalhekk, peress illi s-soċjeta rikorrenti naqqset milli taffettwa t-trasferiment tal-vettura, din għandha tassumi r-responsabbilita taċ-ċitazzjonijiet illi qalgħet l-intimata meta kienet issuq il-vettura.

Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti proċesswali huma s-segwenti. Is-socjeta rikorrenti bieghet il-vettura lill-intimata bil-procedura tal-'*hire purchase*'. Il ftehim bejn il-partijiet kien illi l-vettura tibqa' f'isem is-soċjetà rikorrenti sakemm isir il-ħlas kollu. Irriżulta illi l-ħlas ma sarx kollu. Fil-fatt, it-tieni kambjala ma gietx onorata.

Meta l-intimata marret biex taghmel pagament li kien għad fadal sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment tal-licenzja tal-vettura fuq isimha, irrizulta illi l-vettura kellha diversi citazzjonijiet mahruga u decizi u li allura kellhom jithallsu qabel ma jigi registrat it-trasferiment  tal-vettura mis-socjeta rikorrenti ghal fuq l-intimata.

Jirriżulta illi l-intimata ħallset is-somma ta' Lm500 filwaqt illi zammet lura s-somma ta' Lm500 in vista tal fatt illi is-soċjetà rikorrenti ma għamlitx it-trasferiment

Illi l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti huwa marbut mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni rigwardanti l-pretenzjoni ghal hlas ta' kontravenzzjonijiet u spejjez u dan a tenur tal artikolu 2153 tal Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Ewwel Qorti kienet iddeċidiet illi dak kollu reklamat mis-soċjeta rikorrenti kien dovut abbażi ta' sentenzi moghtija mit-Tribunal Lokali liema sentenzi għandhom jitqiesu bħala titoli eżekuttivi u għalhekk il-preskrizzjoni eccepieta ma tapplikax ghal kaz in dizamina.

Illi l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi: ***"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."***

Illi jidher car li dan l-artikolu jirreferi ghal danni *ex delictu,* u mhux applikabbli ghal pretensjoni odjerna billi  jirrizulta li kemm ir-rimedji mitluba f'din il-kawza u l-ammont reklamat huma naxxenti minn allegata inadempjenza kontrattwali da parte tal-intimata appellanti li naqqset milli tonera l-obbligu taghha ghal pagament tal-prezz ta' vettura mibjugha lilha b'kuntratt ta' *hire purchase* u kwindi it-trasferiment tal-licenzja tal-vettura in kwistjoni ghal fuq isimha ma setax isir billi l-ftehim kien tali illi l-proprjeta tal-vettura tghaddi f'isimha biss mal-mument tal-hlas.

Illi dan huwa fil-fatt konformi ma' dak li gie deciz fis-sentenza "John Grech vs Ivan Mifsud" (P.A. (JRM) – 1 ta' April, 2003) fejn inghad li l-ligi taghna taghraf tlett azzjonijiet ta' danni konsistenti (a) f'azzjoni dwar danni kkagunati minn reat li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni li hemm prevista ghar-reat stess; (b) azzjoni ghal danni naxxenti minn delitt jew kwazi delitti, li hija dik effettivament eccepita dik ta' sentejn, u (c) azzjoni ta' danni mnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni kontrattwali li hija proprju dik li tirreferi ghall-azzjoni odjerna.

Illi ghalhekk ghalkemm dina l-Qorti taqbel ma'l-Ewwel Qorti illi l-preskrizzjoni ecceppieta ma issibx applikazzjoni f'dan il-kaz, madanakollu mhux ghar-raguni moghtija fid-decizjoni impunjata u dana ghaliex is-sentenzi iccitati u esebieti jaghmlu stat biss ghal-partijiet li ikunu involuti fil-kaz u mhux ghal terzi u kwindi il-kundanna ghal kontravvenzjoni saret fil-konfront ta' Alfred Aquilina u mhux fil-konfront ta'l-appellanti. Madanakollu l-jedd tas-socjeta rikorrenti li titlob il-hlas ghal dawn l-ammendi inflitti fuqha minn ghand l-appellanti huwa naxxenti mill-kuntratt iffirmat bejniethom ta' *hire purchase* u l-indampjenza tal-intimata mal-kundizzjonijiet hemmhekk miftiehma kif inghad iktar 'il fuq.

Illi fil-fatt gie ritenut ukoll fil-kawzi "Baldassare Bugeja et vs George Muscat proprio et nomine" (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2007) u "Joseph Stivala vs Prof. Joseph Colombo" – P.A. – 9 ta' Jannar 1953 - Vol. XXXVII.ii.622) li ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li hija simili ghal dan.

Illi maghdud dan ghalhekk din il-Qorti hija marbuta li tqis il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-parti u ma tistax u ma ghandhiex minn rajha tqis li tapplika terminu preskrittiv iehor, ghaliex, huwa pacifiku li eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tigi sollevata mill-Qorti "ex officio" ("Gorg Gatt et vs Anthony Camilleri et" (A.C. – 31 ta' Mejju 2004; "Joseph Grech vs Emanuele Camilleri et" – A.C. 21 ta' Marzu 1977) b'dan li f'materja civili l-Qorti la tista' tissolleva l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni *marte proprio* u lanqas tista' l-Qorti tezamina eccezzjoni differenti minn dik sollevata mill-intimata appellanti. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravvju sollevat in konnessjoni ma'l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni abbazi ta' l-artikoku 2153 tal-Kap 16 qed tigi michuda.

It-tieni aggravvju jikkoncerna in-nuqqas ta' produzzjoni ta'l-ahjar prova ghal dak li jirrigwarda c-ċitazzjonijiet pendenti. Tgħid l-appellanti illi x-xhieda biss tar-rappreżentant tas-soċjetà appellata ma tikkostitwix l-aħjar prova ta' dan.

Jiġi osservat illi l-oneru tal-grad ta' prova qiegħed dejjem fuq min jallega, f'dan il-każ is-soċjetà rikorrenti. Il-Qorti trid timxi dejjem fuq l-ahjar prova. Fil-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, xehed Andrea Aquilina, rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti. Pero, kuntrarjament għal dak illi tgħid l-appellanti, is-soċjetà rikorrenti ma ipproduċitx dan ix-xhud biss. Aktar minn dan, tressaq bhala prova s-sentenzi kollha moghtija mit-Tribunali Lokali in konnessjoni mal-vettura mibjugha. Di piu' l-appellanti fil-kors tax-xhieda taghha tammetti illi inhargu dawn ic-citazzjonijiet u dana fiz-zmien li kienet qed tuza il-vettura hi, b'dan madanakollu illi tiddikjara illi mhijiex responsabbli ghal hlas ta' dawk il-kontravvenzjonijiet li jikkoncernaw in-nuqqas ta twahhil tal-licenjza mal-windscreen, a tenur tar-Regolament 14(1) tar-Regolamenti tal-2004 dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi, u dana billi dan in-nuqqas kien dovut ghal fatt illi s-socjeta rikorrenti ma kenitx affetwat it-transfer ghal fuq isimha. Fl-ebda hin l-appellanti ma ikkontestat il-veracita tas-sentenzi esebieti jew ta'l-ammonti indikati fihom. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis li ġie ippruvat sodisfaċentement mis-socjeta' rikorrenti li hija ghandha jedd fil-konfront tal-intimata appellanti u għalhekk, ġaladarba inġibiet l-aħjar prova, dan it-**tieni aggravju** ukoll għandu jiġi miċħud.

Fir-rigward tat-tielet aggravju, l-appellanti issostni illi is-soċjetà rikorrenti appellata kienet qiegħda tirrifjuta milli tagħmel it-trasferiment tal-vettura *de quo*, u tgħid illi b'hekk hija kienet qiegħda taġixxi illegalment. L-appellanti iżżid illi is-soċjetà rikorrenti appellata għandha terfa' r-responsabbilita tal-aġir illegali tagħha u ċioe għandha tħallas iċ-ċitazzjonijiet hi.

Illi huwa fatt ikkontestat illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet (ghalkemm qatt ma gie esebiet in atti) kien dak imsejjah komunement bhala *hire purchase agreement* jew inkella kif imsejjah f'termini legali *pactum com riservata dominii* li l-effett tieghu huwa dak deskritt fis-sentenza fl-ismijiet "V. Bonnett vs G Azzopardi" (A.K. 28 ta' Gunju 1922) fejn intqal li:

***"In natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oggett jittrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess ta' l-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjeta` ta' l-***

***oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oggett u l-proprjeta` tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat"*** (vide "G Degiorgio vs E Micallef" - A.C. fis-16 ta' Dicembru 1936 (Vol XXIX.i.1438; "Negozjant Alfredo Muscat vs G Bonnici et" – A.C. 8 ta' Frar 1935 - (Vol XXIX.i.89); "Lieutenant Colonel Robert Strickland vs David Shepherd" (A.C. 21 ta' Jannar 1951 (Vol XXXV.iii.530)).

Affermati dawn il-principji legali, huwa car illi t-trasferiment tal-vettura minn fuq is-soċjetà rikorrenti għal fuq l-intimata kellu jsir fil-mument illi jsir il-pagament kollu dovut għall-vettura, f'liema mument imbaghad l-akkwirent ma jibaqx jitqies bhala kerrej izda bhala proprjetarju. Jirriżulta ampjament mill-provi quddiem l-Ewwel Qorti illi dan il-pagament ma sarx kollu sabiex b'hekk is-soċjetà rikorrenti appellata kienet iġġustifikata, ai termini tal-ftehim milhuq, illi ma taghmilx it-trasferiment tal-vettura għal fuq l-intimata appellanti u ma kienet qieghda tikkometti l-ebda illegalita kif allegat mill-appellanti. Qua kerrejja tal-vettura, hija kienet tenuta tezercita id-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja u ma taghmel xejn li b'xi mod jista' jikkaguna hsara lill-istess. Dana hija ma ghamlitux billi baqghet tuza l-vettura in kwistjoni minghajr licenzja ghat-triq. Kienet hi kwindi li poggiet ruhha fi stat ta' illegalita u mhux is-socjeta rikorrenti. Kienet gusta ghalhekk l-Ewwel Qorti fic-canfira moghtija lill-appellanti li baqghet takkumula numru ta' kontravenzzjonijiet u dana b'imprudenza grossolana. Għal dawn ir-raġunijiet dan it-tielet aggravju ser jigi ukoll miċħud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------